A.L. 320 ta' l-2007

ATT DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI MINN PERSUNI MHUX RESIDENTI (KAP. 246)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Tismija ta' Żoni Speċjali dwar Proprjetà Immobbli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tismija ta' Żoni Speċjali dwar Proprjetà Immobbli, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2006 dwar Tismija ta' Żoni Speċjali dwar Proprjetà Immobbli, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali.". A.L. 227 ta' l-2006.

Enumerazzjoni mill-ġdid tar-regoli 4 u 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolamenti 4 u 5 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 6 u 7.

Iżid regolament 4 mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:-

"Kriterji u linji gwida għall-estenzjoni tat-Tismija ta' Żoni Speċjali.

4. (1) Il-Ministru jista' joħroġ ukoll Ordni biex isemmi żona bħala Żona Speċjali Msemmija għall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Att jekk issir applikazzjoni għar-rigward ta' sit, li ż-żona superfiċjali ta' l-art tiegħu tkun ta' anqas minn għaxart elef metru kwadru (10,000m^2), li tkun estenzjoni ta', u tmiss ma', żvilupp eżistenti li kien diġà ngħata l-istatus ta' Żona Speċjali Msemmija bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tar-regolament 2 ta' dawn ir-regolamenti, jew b'Ordni maħruġ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dak ir-regolament, jew bis-saħħa ta' dan ir-regolament.

(2) Qabel il-ħruġ ta' Ordni bħal dak, il-Ministru għandu jiżgura li tkun inġiebet prova biżżejjed li l-applikant ikun l-istess persuna li kien ingħata l-istatus originali ta'

Tismija ta' Żona Speċjali, jew ir-riċevitur jew is-suċċessur fit-titolu ta' dik il-persuna; u li l-applikant ikun mexa skond il-kundizzjonijiet li kien hemm fl-Ordni oriġinali li jkun ta l-istatus ta' Tismija ta' Żona Speċjali kif ukoll ma' dawk il-kundizzjonijiet kollha li jinsabu f'dawn ir-regolamenti, fejn dan ikun japplika.".

Iżid ir-regolament 5 ġdid mar-regolamenti prinipali.

4. Minnufih wara r-regolament 4 ġdid tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:-

"Dritt li għandu jitħallas.

5. Meta tiġi approvata l-applikazzjoni mill-Ministru, imma qabel ma' żona tkun imsemmija bħala Żona Speċjali Msemmija, l-applikant għandu jħallas għal darba waħda biss dritt ta' elf lira (Lm1,000) b'żjieda ta' lira (Lm1) għal kull metru kwadru ta' l-area superfiċjali li tkun ta' aktar minn elf metru kwadru (1,000m^2):

Iżda għall-finijiet ta' dan ir-regolament żewġ żoni jew aktar li ma jkunux imissu ma' xulxin għandhom ikunu kunsidrati bħala żoni separati li jkollhom bżonn applikazzjonijiet separati.".